SANNAT

Minuti tad-disa' laqgħa tas-seba' tal-leġislatura tal-Kunsill Lokali Sannat li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 10 ta' Diċembru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| | Guda Taddeus Bajada |
| | Manuel Tabone |
| | Joseph Bajada |
| | |
| L-Uffiċjali: | |
| Is-Segretarju | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

324 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħa numru tmienja li saret fil-11 ta' Novembru 2009.

**Item 2. Mill-Minuti**

*325* *(para.259)* Il-laqgħa flimkien mal-Kunsill Lokali Xewkija dwar il-proġett ta' Mġarr ix-Xini Regional Park saret nhar il-Erbgħa,18 ta' Novembru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Sannat. Mill-*Action Committee* attendew George Azzopardi u Charlie Zammit. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi punti nkluż il-ftehim li sar fil-bidu meta nbeda l-proġett u l-*Interpretation Centre* li qed jiġi propost li jsir ta' Blankas fix-Xewkija.

326 *(para. 261)* Rigward il-ftuħ tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt, l-uffiċċju qed jinfetaħ kif kien previst. Qed issiru wkoll spezzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

327 *(para. 264)* Dwar l-applikazzjoni tal-bini ta' John Grima fil-proprjeta' li għandu fit-28 ta' April 1688 li tmiss mal-bini tal-Kunsill il-ġdid, l-unika ħaġa li għamel, hi li ppreżenta ritratti tal-iżvilupp (*photomontages*) ta' kif ser jidher maġenb il-Kalkara tal-Ġir. It-Taqsima tal-Proprjeta' tal-Gvern għamlu oġġezzjoni dwar l-art. John Grima mar it-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern u ppreżenta l-affidavit tal-ex-Sindku Carmel Camilleri rigward l-*ownership* tal-art. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikellem lil dawk li kienu qed jaħdmu fir-restawr tal-Kalkara tal-Ġir għaliex dawn ċaħdu li xi darba missew xi ħajt tad-diviżjoni kif qed jallega s-Sur John Grima. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn dawn jittellgħu jixhdu.

SANNAT

328 *(para.265)* L-applikazzjoni tal-Iskema Inizjattivi għall-Attivitajiet 2010 ġiet approvata mill-bord tal-għażla u l-Kunsill ser jingħata €7,500 bħala għajnuna.

329 *(para. 272)* Il-ħatra tal-bord tal-interview għal post ta' skrivan Part Time mal-Kunsill tħalliet għal darba oħra.

330 *(para. 273)* Il-Kumitat tal-armar tal-festa ma aċċettawx li jagħmlu t-tiżjin tal-Milied għalhekk tqabbad Michael Bugeja. L-ispiża tax-xogħol ser tkun ta' €1,000.

331 Il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex saret nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru 2009 fil-5.00 p.m. fil-Ministeru għal Għawdex. Dwar Triq Sannat, il-Ministru qalet li jrid isir culvert ta' l-ilma sabiex ma tibqax s-sitwazzjoni tal-għarar ll-ilma tax-xita li jinżel minn din it-triq. Għalhekk irid isir studju fejn ser imur l-ilma tax-xita. Issemma l-ġibjun li hemm taħt il-pjazza kif ukoll li jsiru xi ġwiebi fil-Qasam. Dwar l-irziezet, il-Ministru qalet li l-*manure treatment plant* aktarx li din mhux ser issir f'Tal-Lewż imma f'Tal-Kus, fil-limiti tax-Xewkija. Il-Kunsillier Manuel Tabone semma l-irziezet li hawn madwar ir-raħal li qed iħammġu t-toroq u qed ikunu ta' nkonvenjent kbir għar-residenti tal-madwar. I-Kunsill għandu jikkuntattja lil Gordon Vella u jagħmel laqgħa miegħu dwar possibilta' li jsir studju dwar is-sitwazzjoni. Il-Kunsill għandu jitlob appuntament mad-Dipartiment Veterinarju sabiex tiġi solvuta l-problema li teżisti fil-preżent.

332 *(para. 304)* Il-World Children's Day saret fit-22 ta' Novembru 2009. Kien hemm attendenza numeruża għal din l-attivita'.

333 Il-partita football għal Old Boys saret f'Malta fit-23 ta' Novembru 2009. Franco Azzopardi l-Isports leader ħa ħsieb ta' din l-attivita'.

334 Il-fondi li hemm tal-UIF tal-MEPA għax-xogħol li sar fi Triq it-28 ta' April 1688 ser jingħataw lill-Kunsill. Dawn il-fondi kienet saret applikazzjoni għalihom qabel beda l-proġett.

335 L-inventarju tal-kotba li hemm fil-librerija għandu jsir mill-librara u ż-żewġ ħaddiema tal-*Community Works Scheme* li hemm fil-Kunsill. Għandha ssir talba lis-Sur George Borg li hu responsabli mill-libreriji u arkivji f'Għawdex biex jagħti direzzjonijiet kif għandu jsir dan l-inventarju. Qed jiġi kkunsidrat ukoll li l-librerija tibda tinfetaħ ukoll nhar ta' Sibt.

336 Ir-risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-kartolini tal-Milied kienet li ma hemm l-ebda regolament li jipprojbixxi li jintbgħatu l-kartolini tal-Milied, imma id-Dipartiment mhux tal-fehma li dan għandu jsir għaliex jista' jwassal messaġġ ħażin fuq l-użu tal-fondi pubbliċi. Jista' jitwaħħal messaġġ fin-notice bord tal-Kunsill biex jibgħat l-awguri tiegħu.

337 Dwar l-ilment mill-Ministeru għal Għawdex dwar *illegal dumping* ta' affarijiet f'Ta' Bardan ġie nnutat li fil-konfini tal-Kunsill ta' Sannat ma hemmx *illegal damping* kif intqal. Saret proposta li jsir ftehim mal-Kunsill Lokali tal-Munxar sabiex din it-triq tiġi rranġata flimkien għaliex jużawha ħafna nies mill-Munxar. Għandha tinkiteb ittra lill-Ministru għal Għawdex sabiex jingħata l-hot rolled asphalt fil-parti li hi residenzjali. Ittri bħal dawn ġa kienu nkitbu minn Kunsilli preċedenti dwar dan l-istess ilment.

338 Dwar it-talba ta' Carmel Rapa, *Sacred Heart*, Triq il-Falkun sabiex isiru l-bankini li hemm neqsin fi Triq Falkun saret it-talba lill-Ministeru għal Għawdex peress li dawn huma bankini li ser issiru għall-ewwel darba.

SANNAT

339 Dwar l-ilment ta' Triq Qortina li hemm bini ġdid li tlesta u tħalla l-ġebel fin-nofs, il-gwardjani marru biex iwwaħħlu l-avviż u ma sabux ġebel mormi fit-triq.

340 Dwar it-talba ta' Adeodato Buttigieg ta' 50, Triq il-Kbira talab sabiex issir bozza ġdida fejn id-dar tiegħu, ġa saru l-arranġamenti neċessarji mill-*contracts manager* li ġie fuq il-post. Dan għandu jagħmel it-talba f'isem il-Kunsill biex tiġi approvata mill-Enemalta.

**Item 3. Korrispondenza**

341 Memo 73/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar mistoqsija Parlamentari dwar tarrifi li nġabru minn kull Kunsill Lokali li jkunu esegwixxew xogħol ta' kostruzzjoni fil-lokalitajiet individwali għas-snin 2008 u 2009.

342 Memo 75/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar tqassim ta' memos lill-Kunsilliera.

343 Memo 76/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Ħadddiema tal-IPSL fejn il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li dawn iridu jaħdmu skont il-ħinijiet regolari li fihom jaħdmu l-ħaddiema regolari tal-Kunsilli Lokali u ma jista' jsir l-ebda arranġament li permezz tiegħu jitnaqqsu l-ħinijiet normali tax-xogħol.

344 Memo 77/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-site elettroniku.

345 Memo 78/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Għeluq tas-Sena Finanzjarja.

346 Memo 81/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Tqassim ta' memos lill-Kunsilliera u avviżi u kwotazzjonijiet.

347 Memo 82/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ftuħ tal-uffiċini amministrattivi l-għada tal-Milied.

348 Memo 84/2009 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2010. Din l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2010 ser tkun ta' €200,901 li tiġi €19,061 aktar mis-sena l-oħra.

349 Ittra mill-Bord tal-Evelwazzjoni għal Skema Fondi għall-Ħtiġijiet Speċjali fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali Sannat ma ġietx ikkunsidrata elliġibli għall-fondi.

350 Ittra mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex it-*tender guarantee* tar-*Refuse Collection* tinħadem fuq bażi ta' sena waħda biss.

351 Ittra oħra mill-istess Dipartiment li kienet tgħid li l-vetturi kollha ta' kuntratti dwar ġbir ta' skart imħallat mill-offerent iridu jkunu *Refuse Collection Vehicles* li jkunu awtorizzati biex jiġbru skart muniċipali.

352 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jibgħat ritratt tajjeb marbut mal-attivita' kulturali li ser jagħmel biex jiġi ppublikat mid-Dipartiment.

353 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar *invoice* għall-emails ġodda għal xi Kunsilliera biex ma jitħallsux, kif ukoll sabiex dawk il-Kunsilli Lokali li jirċievu xi kontijiet ogħla minn normal ma għandhomx iħallsu ħlief l-ammont mingħajr VAT. L-Assoċjazzjoni ħeġġet lill-Kunsilli Lokali sabiex jaslu fi ftehim dwar ġbir ta' skart separat jew ma' Green Pak jew ma' Green MT. Ta' Green Pak ippreżentaw *folder* dwar il-proposti tagħhom u ta' Green MT għamlu laqgħa għal Kunsilli Lokali Għawdxin dwar il-proposta kollettiva tagħhom bħala reġjun.

354 **Il-proposti tal-Green Pak huma:**

(1) Provista ta' boroż tal-plastik għall-ġbir ta' materjal riċikabbli miġbir bieb bieb.

(2) Provista ta' kontenituri kuluriti, bi prezz sostanzjalment sussidjat, sabiex jgħinu lill-pubbliku jorganizza sistema fid-dar tiegħu.

(3) Provista ta' *bottle crushers*, bi prezz sostanzjalment sussidjat, sabiex jitnaqqas l-spazju u l-volum tal-iskart.

(4) Provista ta' ġbir/tbattil tal-Bring in site bla ħlas.

**Il-proposti tal-Green MT huma:**

(1) Provista ta' boroż tal-plastik għall-ġbir ta' materjal riċikabbli miġbur bieb bieb.

(2) Ġbir ta' skart separat darba fil-ġimgħa u jekk ikun vijabbli jsir darbtejn fil-ġimgħa.

(3) Provista ta' ġbir/tbattil tal-*Bring in sites* bla ħlas.

(4) Għoti ta' €30 fil-ġimgħa lil kull Kunsilli Lokali bħala *administration fee*.

(5) Iħallsu nofs il-lease ta' €100 għal kull kontenitur tal-bring in sites li hemm fil-lokalita' lill-WasteServe Malta Ltd.

355 Ittra mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar proġett tal-*Youth in Action* li ser isir fi Spanja f'Marzu 2010.

356 Ittra mill-MEPA dwar reġistrar ta' *Refuse Collection Vehicles* skont Avviż Legali 106 tal-2007. Ġie deċiż mill-MEPA li minn Jannar 2010 kuntratti tat-tindif tat-toroq, ikun jista' jiġi mogħti lil kumpaniji jew individwi li jkollhom RCV registrati mal-MEPA. Fejn il-Kunsill ġa ħarġu l-kuntratti b'sejħa għal offerti, il-Kunsilli jistgħu jkomplu jonoraw il-kuntratt kurrenti sal-31 ta' Ottubru 2010.

357 Ittra mingħand Betty Berry is-Centre Manager tal-Gozo SPCA dwar attakk fuq il-membri tal-SPCA li sar waqt li kienu n-Nadur jagħmlu xogħol ta' *neutering* fuq l-annimali. Huma talbu li l-Kunsill jikkundanna dan l-aġir.

358 L-MTA stiednet lil Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw fil-*European Destination of Excellence Project* bil-għan li jiġi ppremjat turismu sostenibli madwar l-Europa.

359 Ittra mingħand Raphael Refalo dwar tipi differenti ta' tabelli ta' sinjali tat-traffiku skond l-*EU standards*.

360 Rapport minn Suzenne Frey-Kupper dwar oġġetti li nstabu fl-iskavi li saru fil-proġett tal-Mġarr ix-Xini Reġional Park.

361 Invit għal *MQC's Conference* li ser issir fil-15 ta' Diċembru 2009.

362 Ittra mingħand Philip Sciberras ta' *Kullħadd Adverts Department* dwar is-Suppliment tal-Milied u reklemi relatati.

363 Stedina mill-Moviment ta' Kana Għawdex dwar il-Konkors Familja Qalb tad-Deheb' sena 2009. Il-Kunsilli Lokali ġew imħeġġa sabiex jinnominaw lil xi ħadd.

364 Kunsill Nazzjonali għaż-Żgħażagħ għal darba oħra ser jorganizza l-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ bejn il-13 u l-34 sena b'edizzjoni f'Marzu 2010. Il-Kunsilli ġew mħeġġa jagħżlu erbgħa żgħażagħ mill-lokalita' biex jipparteċipaw.

365 Fil-preżent hemm applikazzjoni għal bini għand il-MEPA ta' Joseph Theuma fi Triq it-Tempju ta' l-Imramma, kif ukoll applikazzjoni oħra PA3785/02 *to sanction shed of farm & cesspit* f'tal-Bardan.

366 Ittra mill-MEPA li għandhom skema ta' għoti ta' flus għar-restawr tal-galleriji tal-injam.

367 Is-Sur George Cassar reġa' kiteb dwar il-ktieb tiegħu *Żmien il-Ħsad*. Il-Kunsill qabel li jixtri żewġ kopji ta' dan il-ktieb għal librerija.

368 Ittra mingħand Joe Grech mill-Għarb fejn offra s-servizzi tiegħu li jkanta fl-attivitajiet tal-Kunsill.

369 Ittra mill-ETC fejn offrew li jagħmlu laqgħa għan-nies dwar is-servizzi tal-ETC/EURES .

370 George Azzopardi bagħat stima tax-xogħol previst li ser issir is-sena li ġejja fil-Proġett tal-Mġarr ix-Xini Regional Park biex jiġu allokati l-flus għalih fil-budget tas-sena 2010. Il-Kunsill irid joħroġ nofs dawn l-ammonti għaliex dawn jinqasmu ndaqs flimkien mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija:

(1) Tal-Loġġa fil-wied ta' Mġarr ix-Xini €3,630.
(2) Għar ix-Xiħ €10,140.

371 Saret stedina għal laqgħa ta' djalogu fl-14 ta' Diċembru fis-6.15p.m. f'Kastilja mill-Prim Ministru.

**Item 4. Ftuħ tal-offerti tal-Granit/Irħam tat-taraġ tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid**

SANNAT

372 Preżenti għal ftuħ tal-offerti kien hemm il-perit Edward Scerri. Bħala offerti nxeħtu tnejn. Dawn kienu:

**Nru. tal-Offerta Isem il-kuntrattur Tip ta' Granit/Irħam**

**1. Julian Sultana**

| | |
|---|---|
| Giallo Egrizia (granite) | €7,755 |
| Verde Oliva (granite) | €7,755 |
| Filetto (irħam) | €5,510 |
| Bianco Carrara (irħam) | €5,510 |
| Verde San Francisco (granite) | €7,755 |
| Giallo California (granite) | €7,755 |

Nota. F'każ li jsir *double edge* (40mm) għandu jitħallas €850 extra.

Ġie nnotat li l-offerta ta' Julian Sultana Co. Ltd. kellu l-*Form of Tender for Goods & Services* u n-*Non Collusive Certificate* mhux iffirmati.

**Nru. tal-Offerta Isem il-kuntrattur Tip ta' Granit/Irħam**

**2. A. F. Ellis**.
**(Marble Works) Ltd.**

| | |
|---|---|
| Silvia Oro (irħam) | €4,040.53 |
| Bianco Carrara (irħam) | €5,417.75 |
| Bianco Sardo (granite) | €5,194.97 |
| Giallo Veneziano Light (granite) | €5,772.19 |

Ġie nnutat li fl-offerta ta' A.F. Ellis inkiteb biss it-totali ta' kull tip ta' granit/irħam.

Tlieta minn erbgħa offerti ta' A. F. Allis kienu irħas minn dawk ta' Julian Sultana Ltd. Għalhekk il-Kunsill qabel li jibgħat għal A.F. Allis (Marble Works) Ltd. fejn jiġi mitlub jispjega l-offerta tiegħu.

**Item 5. Materja Oħra**

373 Inġabu kwotazzjonijiet għal żewġ *Four door filing cabinets*. Dawn kienu:

| | | |
|---|---|---|
| (1) | PaperFriends Trading | €350.00 kull waħda |
| (2) | Kompakt Trading Ltd. | €310.00 kull waħda |

| | | |
|---|---|---|
| (3) | Merit Trading | €325.00 kull waħda |
| (4) | OfficeClub | €295.00 kull waħda |
| (5) | Anthony Pule' – MB Distribution Ltd. | €325.00 kull waħda |

Il-Kunsill għandu jivverifika l-fond tal-filing cabinets.

374 Inġabu kwotazzjonijiet għal Business Cards tal-Kunsilliera li huma:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| (1) | A & M Printing Ltd. | 1,200 cards | - | €88 (VAT included) |
| (2) | Portelli Print | 1,200 cards | - | €95 (VAT not included) |
| (3) | B.C.D. Printing Ltd. | 1,200 cards | - | €85.(VAT included) |

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-irħas waħda li kienet ta' B.C.D. Printing Ltd.

**Item 6. Ilmenti**

375 Frank Xuereb ta' O*ur Lady of ta' Pinu*, Triq it-Tempju ta' l-Imramma ilmenta dwar il-bankina li niżlet minn mas-soll tal-garaxx u qiegħda ta' periklu. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-*Community Work Scheme*.

376 Noel Xuereb ta' Redentur, Triq Skerla talab biex tiġi rranġata l-bankina ta' quddiem il-garaxx għaliex qiegħda għolja ħafna. Il-Kunsill qabel li titneħħa l-bankina u ssir rampa sa fejn fil-preżent hemm il-kurduna. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-*Community Work Scheme*.

377 Ilment ta' Ina@onvol.net biex jinżebgħu t-tinet tal-irziezet skont id-direttivi tal-Unjoni Europea ħalli ma jkunux ta' *eyesore*.

378 Maria Stella Scicluna ta' 136, Triq il-Kbira sabiex isir bollard mal-kantuniera tal-garaxx tagħha kantuniera ma' Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Il-Kunsill qabel li ssir talba għall-permess tal-ADT dwar din il-bollard.

379 Michael Bugeja ta' 51, Triq it-Tilliera biex issir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu. Għandha ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir din il-bankina għaliex qatt ma kien hemm.

**Item 6. Komunikazzjoni mis-Sindku**

380 Attivitajiet għall-żmien il-Milied

*(para. 274)* Ġie kkonfermat li s-Sibt, 26 ta' Diċembru 2009, it-tfal ser jittieħdu jaraw film għall-prezz ta' €2.80ċ kull persuna li ser jitħallas mill-Kunsill. It-tfal ser jingħataw *party bag* li tkun tiswa' minn €1 sa €1.50ċ b'affarijiet tal-ħelu. Għandhom jinħarġu biljetti għat-tfal li jkunu ser jattendu.

381 *(para. 276)* Rigward il-kunċert fil-knisja mis-Soċjeta' Mużikali Santa Margarita, is-Sindku qal li dawn ma setawx jiffurmaw grupp huma għal orkestrina, għalhekk qabbad is-Sur Anthony Mercieca sabiex jaqqgħad grupp hu. Bħala ħlas dawn ser jitħalsu €700. Din l-attivita' ser issir fit-23 ta' Diċembru 2009. Għandu jsir poster biex jirriklama din l-attivita'.

382 Għall-anzjani 'il fuq minn sittin sena flok flixkun għasel u flixkun inbid kif kien maħsub sar qbil li jingħataw kaxxa gallettini. Il-prezz ser ikun ta' madwar €2.50ċ.

383 Il-ħarġa tal-Milied għall-anzjani ser issir fid-29 ta' Diċembru 2009. Din ser tkun tikkonsisti f'quddiesa, jaraw il-presepji u wara jkollhom ikla fl-Odessey Restaurant f'Marsalforn. Il-biljett ser ikun €10 li jinkludi kollox.

384 L-ikla għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill ser issir nhar il-Ħadd, 3 ta' Jannar 2010 filgħaxija.

**Item 7. Dikjarazzjoni konġunta minn żewġ Kunsilliera**

385 Il-Kunsillier Emanuel Tabone u l-Kunsillier Joe Bajada ressqu dikjarazzjoni konġunta. Huma talbu li din id-dikjarazzjoni tiġi annessa mal-minuti tal-laqgħa bħala Annex 1.

Peress li kienu saru d-9.40 ta' filgħaxija, il-laqgħa ġiet aġġornata biex tkompli nhar il-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Annex 1

SANNAT

10 ta' Dicembru 2009

**Dikjarazzjoni kongunta mresqa mill-Kunsilliera Manuel Tabone u Joe Bajada**

**1. L-attivita tat-tfal li saret fil-pjazza principli – Jum it-Tfal – *22 ta' Novembru 2009***

Ahna bhala principju naqblu li jsiru attivitajiet ta' din ix-xorta fir-rahal taghna specjalment meta jkun qed jimmarkaw okkazjoniet specjali u nahsbu li bhala programm u kontentut l-attivita kienet tajba – il-konkorenza kienet numeruza. Pero ahna bhala membri ta' dan il-Kunsill ma naqblux mal-fatt u l-bzonn li jkun hemm sfumatura partigjana fl-attivitajiet imtelgha mill-fondi tal-Kunsill Lokali. Qed irresqu dan il-punt propju ghaliex residenti li wrew il-fiducji taghhom fina talbuna biex niddiploraw il-fatt li l-attivita hadet xejra partigjana kemm minhabba il-prezenza ta' numru ta' esponenti tal-partit laburista bla mistenni - fosthom il-mexxej tal-Partit - kif ukoll minhabba l-fatt li l-attivita kienet centralizzata mal-kazin tal-Partit Laburita, sahansitra bil-provista tad-dawl titiehed mill-istess kazin. Dan m'ghandux isir u zgur li f'cirkustanzi bhal dawn mhux ha jsibu s-sapport taghna ghax nemnu li dan imur kontra l-ispirtu tal-attivita'. Il-hidma taghna ghandha tkun wahda mparzjali li tirrispetta l-fehma politika tar-residenti kollha ta' Sannat.

**2. Il-progett ta' Mgarr ix-Xini mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija – *18 ta' Novembru 2009***

Fl-laqgha li kelna mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija u membri tal-Kumitat - George Azzopardi u Charles Zammit - jirrizultalna li hemm ambigwita' fundametali fuq l-*ownership* ta' dan il-progett. Huwa minnhu li dan huwa progett kongunt pero ma nistghux innaqsu l-importanza tal-konfini, l-punt tat-tluq li ta' bidu ghal dan il-progett bilaterali bejn iz-zewg Kunsilli rispettivi. Irridu nassiguraw b'mod car li dak li huwa ta' Sannat jibqa ta' Sannat u ma jkunx hemm elementi u arrangamenti godda li jnaqqsu l-importanza tal-konfini kif stipulati. Jekk tal-ahhar isir, l-Kunsilli Lokali ta' Sannat ghandu x'jitlef u mhux x'jigwadanja. Tajjeb li nsegwu dak li qed jigri mill-qrib. L-applikazzjoni ghall-bini tal-*Interpretation Centre* qrib il-gnien taz-zebbug limiti tax-Xewkija, kif ukoll il-proposta informali li titwaqqaf Fondazzjoni. Ghalkemm tal-ahhar – twaqqif ta' Fondazzjoni - fil-principju ghandha elementi pozittivi, b'mod partkulari fir-rigward ta' ko-ordinament u amministrazzjoni, mill-banda l-ohra dan jista jhalli riperkussjoniet territorjali.

**3. Il-*website* tal-Kunsill Lokali**

Hemm bzonn urgenti ghal qabza fil-kwalita'. Nitlobu li jekk m'hemmx pjanijiet konkreti fl-immedjat rigward kif ha tinbidel is-sitwazzjoni fuq il-*website,* nissuggerixxu li din tinghalaq ghal-perjodu temporanju biex ma nkomplux nwaqqghu l-Kunsill taghna ghar-redikolu. Tajjeb ukoll li nkomplu naggornaw il-pagni li ghandna fil-*website* ufficcjali amministrata mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali http://lc.gov.mt


Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747 Fax: 21563535




## 4. Dikasteri u Kumitati/Sotto-Kumitati

Irridu li jkun hemm azzjoni fuq dawn iz-zewg materji jekk tabilhaqq irridu hidma kollettiva u mhux kollox centralizzat mas-sindku, simili ta' li gara f'legizalaturi precedenti. Inhossu li z-zmien ghaddej u ftit li xejn ghadu sar f'dan ir-rigward.

## 5. Nitolbu li dak li kien iddecieda fuqu l-Kunsill jitwettaq

Importanti li r-*resurfacing* li kien hemm pjanat ghal Triq Falkun isir ghax is-sitwazzjoni tat-triq hija wahda hazina u l-pjanijiet originali, tal-Kunsill precedenti kienu li tinghata kisja lil din it-triq wkoll, flimkien maz-zewg toroq l-ohra. Wiehed jista jargumenta li dan gara ghax iz-zewg toroq hadu zewg kisjiet pero allura min u fejn gie deciz liema mit-tlieta kellhom isiru?

Id-dikjarazzjoni inqrat waqt il-laqgha fid-9.30 ta' filghaxija u qed nitolbu li din id-dikjarazzjoni tigi annessa mal-minuti tal-laqgha tal-lum.

Mill-Kunsilliera, Manuel Tabone u Joe Bajada